**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Jannar 2021**

**Rikors nru: 427/2020 AGV;**

**AB**

**Vs**

**CDE**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat ta' AB datat 21 ta' Dicembru 2020, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat ;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fis-sbatax ta' Dicembru 2005, ( ara Dok. A- certifkat taz-zwieg anness u minn daz-zwieg kellhom zewgt itfal, FE imwielda nhar it - 28 ta' Jannar tas-sena 2008, li llum ghandha tlettax-il sena u GE, imwielda nhar l-24 ta' Settembru 2009.

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’ kuntratt redatt min-Nutar Ian Castaldi Paris mis-7 ta’ Novembru 2016 (ara Dok B anness);
3. Illi ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejeniethom stante li minbarra l l-partijiet ilhom’ il fuq minn erba’ snin mifrudin, lum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahanistra ffurmaw rabtiet ma’ persuni ohrajn / familji godda;
4. Illi r-rikorrenti qed tircievi manteniment ta’ tmien mitt Ewro kull erba’ gimaghat ghall-bzonnijiet tat-tfal minuri minghand l-intimat hekk skont il-kuntratt tas-separazzjoni imsemmi aktar ‘il fuq, li dejjem gie imhallas skont il-Ligi;
5. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-kodici Civili, Kap. 16 tal-ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg iccelebrat fis-17 ta’ Dicembru 2005 bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja tal-hall taz-zwieg ossija d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-registru pubbliku.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' CDE datata 28 ta' Jannar 2021 fejn espona bir-rispett;**

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti jirrileva li huwa kien izzewweg lir-rikorrenti fis- 17 ta' Dicembru 2005, sussegwentament il-partijiet kienu sseparaw legalment minn ma' xulxin fis- 7 ta' Novembr u 2016 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Ian Castaldi Paris. Ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, tali kuntratt qed jigi hawn anness u mamarkat bhala Dok. A;
2. Illi fit-tieni lok, minn daz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal minuri FE li llum ghandha tlettax-il sena u GE li ghandha hdax-il sena. L-esponenti jiddikjara li hwua dejem hallas il-tmien mitt Ewro f' manteniment ghall-bzonnijiet tal-minuri, u in kwantu ghall-manteniment ta' bejniethom, il-partijiet ddekadew reciprokament;
3. Illi fit-tielet lok, l-esponenti jaqbel mal-kontenut tar-rikors u min-naha tieghu jiddikjara li huwa favur li z-zwieg qed jigi xolt permezz tad-divorzju;
4. Illi l-esponenti jhoss li m' ghandux ibati l-ispejjez ta' dal-proceduri;
5. Illi stante l-kontendenti parijtiet ilhom ghal aktar minn erba' snin legalment separati minn xulxin , kif ukoll huma ddekadew mid-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin, u dwar il-manteniment tal-minuri ma hemmx ebda diffikulta', jigi umilment rilevat li jezistu l-elementi kollha a tenur tal-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta) sabiex daz-zwieg tal-partijiet, jigi xolt permezz ta' divorzju;

Ghaldaqstant, in vista ta' dak espost fil-premess, l-esponenti jaqbel mat-talbiet tar-rikorrenti, u jiddikjara li m' ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq f' dan ir-rigward, salv li jixtieq li ma jinkorrix spejjez relatati mal-proceduri odjerni.

Rat, ghalhekk, li r-rekwiziti skond il-ligi ghall-ghoti tad-divorzju gew soddisfatti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**